MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Numru. 210/2007

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Norbert Ciappara)**

**vs**

**John Farrugia**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat John Farrugia ta’ 29 sena, imwieled l-Awstralja fis-27 ta’ April 1975, iben John u Maria nee` Borg, residenti Flat 10, Triq Antonio u Maria Cumbo, Bini tal-Gvern, Fgura u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 322591M;

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-2 ta’ Marzu 2005 u matul l-ahhar gimghat ta’ qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini

> Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2011, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat u tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi ghalkemm l-ammissjoni tal-imputat ma kinitx wahda bikrija, huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta wkoll mill-istqarrija tal-imputat.

Qieset ukoll illi mill-istqarrija tal-imputat[1], jirrizulta illi fiz-zmien in kwistjoni huwa kellu l-vizzju tad-droga eroina u kien jixtri gramma kuljum bil-prezz ta' Lm35. Minn din il-gramma, huwa kien juza erba' jew hames pakketti u cioe` cirka nofs gramma u kien ibiegh il-bqija bil-prezz ta' Lm4 il-pakkett, sabiex isostni l-vizzju tieghu. Jirrizulta wkoll illi fil-jum in kwistjoni meta gie mwaqqaf mill-pulizija, fil-pussess tieghu nstabu erbatax-il qartas bid-droga eroina u zewg karti ohra bi tracci tad-droga eroina. Il-piz totali tat-trab fl-erbatax-il qartas kien ta' 0.61 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 28%.[2]

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien li huwa kkommetta r-reati in kwistjoni, liema fedina penali tinkludi *inter alia* sejbien ta' htija dwar pussess illegali (semplici) ta' droga eroina f'zewg okkazzjonijiet, fir-rigward ta' liema l-imputat kien inghata liberazzjoni kondizzjonata u sejbien ta' htija dwar serq semplici f'zewg okkazzjonijiet, fir-rigward ta' liema l-imputat ukoll inghata liberazzjoni kondizzjonata.

Ikkunsidrat ukoll min-naha l-ohra illi ghalkemm il-vizzju tad-droga ma jistax jigi meqjus bhala xi forma ta' attenwant ghal min iforni d-droga huwa stess sabiex isostni l-vizzju tieghu, mix-xhieda ta' Vicky Scicluna, in rapprezentanza tal-Agenzija Sedqa, jirrizulta illi mart l-imputat kienet talbet ghajnuna ghal zewgha f'Dicembru tas-sena 2011 u minn dak iz-zmien, huwa zamm mal-*care plan* li saritlu. Saz-zmien li fiha nghatat din ix-xhieda u cioe` sat-28 ta' Ottubru 2013, huwa baqa' jattendi gewwa l-Agenzija regolarment u sar progress kbir min-naha tieghu. L-imputat baqa' jaghti *urine samples* fuq bazi regolari, kif jirrizulta wkoll mid-dokument a fol. 48 tal-process, liema *samples* irrizultaw fin-negattiv

[1] A fol. 17 tal-process.
[2] Ara relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, a fol. 33 tal-process.

ghal sustanzi lleciti. Skond dan id-dokument, li jgib id-data tal-25 ta' Gunju 2013, l-imputat kien ilu ma jabbuza mid-droga eroina ghall-perjodu ta' erba' snin. Ix-xhud qalet ukoll illi l-imputat ibati minn kundizzjonijiet medici, fosthom dijabete, u minhabba dawn il-kundizzjonijiet, huwa ma jistax jahdem.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, stante illi r-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-ewwel imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' **tminn (8) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' disa' mitt Euro (€900)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100). L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tikkundanna lill-hati ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mitejn, erbgha u tmenin Euro u hamsin centezmu (Eur 284.50). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien sena mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u

jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti qeghda tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex in vista tal-kundizzjoni medika tal-hati, huwa jinzamm fil-*Forensic Unit* gewwa l-Isptar Monte Karmeli u tinghata lilu l-kura kollha necessarja.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, li jifformaw parti minn Dokument NC, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------